# Giovanni Pace Balzan u t-Tabib Neriku Xerri

**Lorenzo Zahra**

*Hu ta' pjaċir għalina meta kittieba u studjużi bħal Lorenzo Zahra, jaqsmu magħna tagħrif li jkunu ltaqgħu miegħu waqt ir-riċerka tagħhom. F'dawn iż-żewġ noti, Zahra jwasslilna tagħrif dwar Ġiovanni Pace Balzan u Neriku Xerri, li isimhom hu marbut mal-istorja ta' Ħal Kirkop.*

**Giovanni Pace Balzan: benefattur tal-Parroċċa matriċi ta' San Leonardu**
Fis-sena 1862 il-Prokuratur tal-Knisja Parrokkjali ta' San Leonardu ta' Ħal Kirkop deherlu li jkun xieraq jintwera rikonoxximent għal wieħed mill-benefatturi speċjali tal-Parroċċa. Giovanni Pace Balzan għalhekk għamel rikors lill-Kurja ta' Malta biex ta' kull sena fl-anniversarju ta' mewt il-benefattur issir quddiesa għal ruħu. Din it-talba ta' dan il-ġentili prokuratur ġiet milqugħa propju fix-xahar tal-mejtin jiġifieri fis-7 ta' Novembru 1862.

Tajjeb wieħed jgħid li kien Giovanni Pace Balzan mill-Belt Valletta li kien ħallas l-ispiża biex seta' jsir l-arloġġ mal-kampnar li kien għadu kemm inbena mal-faċċata tal-knisja. Huwa jgħid li l-arloġġ li kien juri mhux biss il-ħinijiet, imma wkoll it-temp u l-jum u x-xhur u jgħid ukoll li kien ħallas l-ispiża kollha ta' din l-opra li kien qam 300 skud.

Kien xieraq tassew li wieħed juri hekk rikonoxxenza lejn dan il-benefattur Belti tal-knisja parrokkjali ddedikata lil San Leonardu ġewwa Ħal Kirkop.

**It-Tabib Neriku Xerri**
Iltqajt ma' nota dwar dan it-tabib Neriku Xerri u deherli li jkun xieraq li ismu jkun magħruf, dan għaliex jidher li kien tassew persuna prominenti fi gżiritna. Huwa kien studja ġewwa Salerno fl-Italja fejn ħa l-lawrija fl-Università ta' hemm, u hemm għamel karriera, iżda meta sar jaf li Malta kienet għaddejja minn żminijiet meta l-Ordni kien qiegħed jiddgħajjef ħaseb biex jiġi lura fl-1798.

Malta għaddiet minn żminijiet ta' nkwiet bil-miġja tar-revoluzzjonarji Franċiżi, u wara l-qawmien tal-poplu Malti, mgħejjuna mill-forzi Ingliżi, Neriku Xerri ntgħażel bħala rappreżentant ta' Ħal Kirkop fil-Kungress Nazzjonali meta twaqqaf fil-11 ta' Frar, 1800, taħt il-Presidenza tal-Kaptan Alexander Ball. Hawn deher li kien persuna ta' min jafdah tant li Ball fl-1806 għażlu bħala Kaptan tal-Port. Fis-sena 1808 intgħażel bħala kummissarju tas-saħħa billi kien tabib u dan meta kien hawn epidemija sal-1812. Ismu sar wisq magħruf ankè barra, tant li l-Pascià ta' Tripli riedu hemm meta kellhom epidemija. Infatti Xerri irritorna Malta biss fl-1837.

Meta miet, fis-sena 1841, kien sar eloġju dwaru minn Dr F. Leone Gravagna.

Informazzjoni misluta minn: Ref.Portafoglio 7/2/1841